**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 111/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Luciann (Lucy-Ann) Cassar**

Illum is-27 ta' Novembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Luciann (Lucy-Ann) Cassar detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 541871(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fid-29 t'Ottubru, 2007, għall-ħabta ta' 7.00 p.m., fi Triq il-Kbira, Mellieħa,

1. saqet vettura Nru. IBG-143 u b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabtet ma' vettura Nru. EAQ-554 u involontarjament ikkaġunatilha ħsarat għad-dannu ta' Concetta Buttiġieġ;

2. Kif ukoll involontarjament ikkaġunat offiżi ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Louisa Joan Buttigieg, skond kif iċċertifika Dr. Malcolm Paul Galea M.D. ta' S.L.H.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11t'April, 2019 li wara li rat l-Artikoli 328(b), 328(d) u 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tagħha u kkundannatha għal piena ta' multa ta' elfejn u disa' mitt Euro (€2,900), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' wieħed u tmenin Euro (€81), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-2 ta' Mejju 2019, b'dan li jekk il-ħatja tonqos li tħallas pagament wieħed, il-bilanċ jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiskwalifika lill-ħatja milli jkollha jew milli tikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien sena (1).

Rat ir-rikors tal-imputata Luciann (Lucy-Ann) Cassar, ppreżentat fit-22 t'April 2019, fejn talbet lill-Qorti thassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u filwaqt li ma ssibx lill-imputata appellanta ħatja tal-akkuża miġjuba fil-konfront tagħha tilliberha minn kull ħtija u piena.

Rat l-aggravvji tal-appellanti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-ilment ventilat mill-appellanti huwa imsejjes fuq dak li fil-fehma taghha kien jikkonsisti f' interpretazzjoni skorretta tal-provi prodotti maghmul mill-Ewwel Qorti, inkluż dak tal-ħsarat rapportati fiz-zewg vetturi involuti f'dan is-sinistru, kif ukoll tad-dettalji ndikati fl-iskizz tal-pulizija li nvestiga l-incident li kollha kellhom iwasslu sabiex l-appellanti tigi ezonerata minn kull responsabbilta'. In oltre l-appellanti tishaq illi l-verzjoni moghtija minnha dwar id-dinamika tal-inċident hija l-aktar waħda kredibbli. Anke n-natura tal-griehi sofferti mill-parti leza konsistenti fi ksur fil-polż ta' l-id ma kenux kompatibbli mad-dinamika tal-incident u dan kif sahansitra affermat mit-tobba li icertifikaw dawn il-griehi.

Illi fid-dawl tan-natura tal-aggravji mqajjma, tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha.[1]. Illi madanakollu sabiex tindirizza l-lanjanzi tal-appellanti, il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza minn fejn irrizultalha illi is-sinistru mertu ta' din il-kawza sehh meta l-parti leza ddecidiet taghmel U-turn fi triq traffikuza, f'liema mument l-appellanti, li kienet qieghda fuq in-naha l-ohra tat-triq u cioe' fid-direzzjoni 'il fejn kienet

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

ser iddawwar l-parti leza, injara minn dan il-fatt, bdiet tirriversja sabiex tipparkeggja, sabiex b'hekk sehh dan it-tamponament.

Fil-fatt jirriżulta illi dan l-incident sehh nhar id-29 ta' Ottubru 2007, ġewwa Triq il-Kbira, il-Mellieħa, filwaqt li l-appellanti kienet qed issuq il-vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni IBG 143 u l-parti leza Louisa Joan Buttigieg kienet qed issuq dik tal-għamla Daihatsu bin-numru ta' reġistrazzjoni EAQ554. F'dan l-incident Louisa Joan Buttigieg ġarrbet ġrieħi ta' natura gravi filwaqt illi Lucianne Cassar ma soffriet minn l-ebda ġrieħi. Meta l-pulizija tkellmu mal-partijiet Buttigieg stqarret li hi kienet ipparkjata fil-karreġjata li tagħti għal ġoċ-ċentru tal-Mellieħa u kellha bżonn idur bil-kontra. Ghalhekk minflok nizzlet iktar 'il isfel fit-triq sabiex issib minn fejn tista' iddawwar b'mod sikur, iddeciediet taghmel U-turn u dan wara li qalet li ħadet il-prekawżjonijiet meħtieġa qabel ma ghamlet din il-manuvra. Spjegat illi hekk kif kienet qed idawwar lejn id-direzzjoni l-opposta l-appellanti, li kienet fuq in-naha l-ohra tat-triq u cioe' fid-direzzjoni 'il fejn kienet qed idawwar il-parti leza, irriversjat il-karrozza tagħha għal ġo fiha fejn konsegwentement seħħ impatt qawwi tant illi l-parti leza tilmenta li sofriet minn ksur fil-polz ta' idejha. Mill-banda l-oħra l-appellanti taghti verżjoni dijatrikament opposta meta tisħaq illi hi kienet wieqfa tistenna sakemm vettura toħroġ mill-parkeġġ biex b'hekk hi tidħol minflokha, u filwaqt li kienet qed tistenna, il-parti leza għamlet U-turn u baqghet diehla ġol-vettura taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi esposti dawn il-fatti probatorji jirrizulta illi mhuwiex kontestat illi l-parti leza kienet qed taghmel manuvra kemmxejn perikoluza fi triq principali u traffikuza li allura kienet tenhtieg grad gholi ta' attenzjoni u prudenza. Dan meta ddeciediet taghmel U-turn sabiex taqleb fil-karreġjata opposta minn fejn kienet tinsab u allura meta invadiet il-karreggjata tat-traffiku okkupata mill-appellanti bil-vettura taghha li kienet qed tistenna sabiex tipparkeggja. Issa l-kontestazzjoni tinsab fil-fatt illi filwaqt li l-parti leza tikkontendi illi l-appellanti qabbdet u irriversjat il-vettura taghha minghajr ma hadet kont tat-

traffiku li kien gej minn warajha u minn mal-gnub taghha, l-appellanti tibqa' ssostni illi hija ma iccaqalqitx u baqghet il-hin kollu wieqfa tistenna vettura taqla' mill-parkegg taghha sabiex tidhol minflokha.

**Issa, l-manuvra ta' "U turn" hija delikata li tista' pero' ssir, basta ssir fejn u meta tista' ssir u kif ghandha ssir.**
**Fil-ktieb"Driving: The Department of the Environment Manuel" edizzjoni 1972 taht "U turn" (pp. 118/119) insibu dan :**
**"making a U turn : this means turning your car right round in the width of the road. U turns are prohibited on motorways and in one way streets and on some other roads where there will be a sign to tell you of the prohibition. If you apply our four test questions about safety, convenience, lawfulness and your own ability you will see that a U turn is not something you can do all that often. Nevertheless, <u>there are places where you can do it – and with some saving in time – such as little used wide roads, or other quiet roads if your car is small or has an unusually small turning circle. But always remember that this is a manouver which other drivers do not ordinarily expect, so the safe routine of mirror signal manouver is particularily important</u>.[2]"**

Illi l-Qorti, kuntrarjament ghal dak mistqarr mill-Ewwel Qorti, hija tal-fehma illi l-kawza prossima ta' dan is-sinistru stradali kienet unikament il-manuvra avventata li ddecidiet taghmel il-parti leza. Illi certament U-turn fi triq maggura u mhux wiesgha hafna ma tista' qatt titqies konformi mar-regolamenti tat-traffiku anke jekk il-linja bajda f'nofs it-triq ma kenitx wahda kontinwa, u anke jekk is-sewwieq ikun esplora it-triq sew qabel ma dawwar. Dan ifisser illi sewwieq li ser jaghmel U-turn ghandu jara dak kollu li qed jigri madwaru u fuq kollox allura dak li kien qed jigri immedjatament quddiemu, fil-gnub tieghu u mac-cirkonferenza kollha tal-vettura u dan hekk kif jibda b'din il-manuvra. Ibda biex l-parti leza qatt ma tista' titqies li kienet prudenti fis-sewqan taghha meta iddeciediet taghmel din il-U-turn f'*main road* traffikuza. *Di piu'* kieku il-parti leza ezercitat l-attenzjoni mehtiega kienet certament tara lill-appellanti fil-karreggjata tat-traffiku li hi kienet qed tfittex biex tinvadi. Illi allura anke jekk din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti qabilha kellha taghti affidament lil verzjoni tal-parti leza u cioe' li l-appellanti verament

[2] Il-Pulizija vs Dion Barberi App.Inf. 04/02/2011

kienet qed tirriversja, dan ma jfissirx necessarjament illi din kienet qed taghmel xi manuvra perikoluza, ghaliex id-dmir taghha kien li tara jekk kienx hemm vetturi warajha, li allura f'dak il-mument ma kienx hemm, gjaladarba l-parti leza kienet ghadha fuq in-naha l-ohra tat-triq. Ma setghat qatt tobsor illi kienet ser titfaccja inaspettatament minn naha l-ohra tat-triq. Il-Qorti allura hija tal-fehma illi ma jidhirx illi l-appellanti errat meta ddecidiet tipparkeggja f'post li sabet fuq il-karreggjata tat-traffiku minnha okkupata u ma setghat qatt tobsor illi l-parti leza f'dak il-mument kienet ser tiddeciedi taghmel U-turn u tinvadi il-karreggjata tat-traffiku minnha okkupat biex b'hekk giet rinfaccjata b'din l-emergenza subiteanja li ghamlitha ghaliha impossibbli tevita l-kollizzjoni. Jerga' jinghad illi kien dmir tal-parti leza li taccerta ruhha, meta iddecidiet taghmel din il-manuvra li, kif qalet l-Ewwel Qorti stess fid-decizjoni taghha, ma hijiex manuvra li xufiera normalment jistennew, illi tara dak kollu li kien qed jigri fil-madwar taghha b'mod specjali dak li kien qed jigri fil-karreggjata tat-traffiku li hi kienet bi hsiebha tinvadi. Dan iktar u iktar meta din il-U-turn kienet ser issir fi triq magguri u ukoll meta it-triq lanqas ma kienet wiesgha bizzejjed sabiex tippermetti lis-sewwieqa taghmel dan komodament.

Illi allura din il-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti u dan ghaliex huwa indubitat illi meta l-parti leza ghamlet il-manuvra ta' U-turn fi triq traffikuza bhlama hi Triq il-Kbira gewwa l-Mellieha ma uzatx dak il-grad ta' diligenza gholja minnha mistenni u dan ghaliex ma nnutatx illi l-vettura ta'l-appellanti kienet qed tregga lura fuq il-karreggjata tat-traffiku li hija kienet ser tinvadi sabiex b'hekk sehhet il-kollizzjoni. Anzi din il-Qorti tazzarda tghid illi ghal parti leza tali manuvra kienet wahda ipprojbita u hi kellha tara li ddawwar minn post li jikkreja anqas periklu ghall-utenti l-ohra tat-triq u dan billi tinzel aktar 'il isfel lejn il-Mellieha sakemm issib xi *roundabout* jew inkella tidhol ghal go triq laterali u ddawwar minn hemm u mhux tostakola zewg karreggjati tat-traffiku sabiex tevita li ttawwal it-triq taghha u taqta' fil-qasir.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tghaddi ghalhekk biex tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellanti minn kull htija u piena.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur